# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 35**

**Rikors numru 1156/10 MCH**

**Sergio Sciberras**

**v.**

**Burmarrad Commercials Limited (C 13537)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li pprezenta l-attur fid-9 ta' Novembru, 2010, u li jaqra hekk:

> "1. Illi r-rikorrenti jgestixxi negozju ta' bejgh u distribuzzjoni ta' diversi prodotti tal-ikel u tal-igjene li generalment jinbieghu f'supermarkets u hwienet tal-istess generu. Tali negozju huwa gestit f'ismu personalment taht l-isem kummercjali *'S Trek'*, u jiffoka biss fuq il-bejgh u distribuzzjoni f'supermarkets u hwienet ta' prodotti li jigu importati minn terzi.

“2. Illi fl-4 ta' Novembru 2009, ir-rikorrenti xtara minghand il-kumpannija intimata vann Leyland DAF bin-numru ta' registrazzjoni TFJ-240 (kopja tal-*logbook* mehmuza '**Dokument A**') ghall-prezz ta' sbatax-il elef tmien mija u hamsa u sittin euro u ghoxrin centezmu (€17,865.20) (fattura mehmuza '**Dokument B**'), liema prezz thallas kollu mal-konsenja. Dan il-vann inxtara proprju biex jizdied mal-vetturi l-ohra uzati mir-rikorrenti fil-gestjoni tan-negozju tieghu.

“3. IlIi sa minn ftit jiem wara li nxtara l-vann, ir-rikorrenti kien kostrett jiehu l-imsemmi vann ghand il-kumpannija intimata ghal diversi drabi minhabba hsarat inspjegabbli Ii bdew zviluppaw fih, liema hsarat ma ppermettewx Ii tali vann ikun jista' jinstaq u jintuza ghall-iskop li ghalih inxtara. L-akbar problema sa mill-bidu kienet li f'daqqa wahda, waqt is-sewqan il-vann jintefa’ u jaghrnel hin twil, ma jkunx irid jerga' jistartja. Dan b'detriment ghar-rikorrenti li l-impjegati tieghu kienu jispiccaw regolarment imwahhla b'vann mimli prodotti lesti ghat-tqassim, wieqaf f'nofs ta' triq.

“4. Illi minkejja l-fatt li l-imsemmi vann kien ghadu kopert bil-garanzija, il-kumpannija intimata talbet hlasijiet minghand ir-rikorrenti ghal numru ta' tiswijiet li saru fuq il-vann, u minkejja l-fatt li r-rikorrenti insista ripetutament li ma kellux ihallas ghal tali tiswijiet, huwa xorta wahda hallas lill-kumpannija intimata bl-isperanza li l-hsara principali li kellu l-vann li joqghod jintefa’ u ma jistartjax kontinwament tissolva darba ghal dejjem u l-vann ikun jista' jintuza ghan-negozju tieghu bla ebda problemi ta' xejn;

“5. Illi madanakollu, id-diversi tiswijiet li suppost saru fil-vann min-naha tal-kumpannija intimata jidher li saru ghalxejn, ghaliex il-vann baqa' ma jahdimx tajjeb billi xorta wahda baqa' jintefa' sikwit waqt li jkun qieghed jinstaq, u jaghmel hin konsiderevoli wieqaf kompletament;

“6. Illi fil-bidu ta' Settembru 2010, ir-rikorrenti rega' dahhal il-vann ghand il-kumpannija intimata, kemm ghal *service* izda b'mod specjali biex il-kumpannija intimata ssolvi l-problema li l-vann kienet qieghed jibqa' jintefa' habta u sabta. Wara zmien konsiderevoli ghand il-kumpannija intimata, l-unika risposta li dawn taw lir-rikorrenti kien li l-vann seta' jingabar mal-hlas tas-somma ta' €1,513.24 ghal tali tiswijiet;

“7. IlIi meta r-rikorrenti talab illi qabel ihallas kont iehor lill-kumpannija intimata, jiehu l-vann sabiex jivverifika li tali hsara giet effettivament imsewwija u li huwa mhuwiex qieghed jerga' jigi mgieghel ihallas ghal tiswijiet li suppost kienu koperti bil-garanzija, ir-rapprezentanti tal-kumpannija intimata rrifjutaw u gharrfuh u nsistew mieghu ripetutament li qabel ihallas l-ammont shih minnhom pretiz il-vann ma kienx ser jigi rilaxxjat;

“8. Illi in oltre, il-kumpannija intimata mhux talli ma tat ebda assikurazzjoni lir-rikorrenti li l-problema li l-vann kien qieghed jintefa' issolviet definittivament, talli injorat ghal kollox l-ezistenza ta' tali problema. Il-kumpannija intimata kompliet tinsisti biss li r-rikorrenti kellu jhallasha tat-tiswijiet u wara tali hlas jiehu l-vann kif inhu bla ebda verifiki u assikurazzjonijiet ta' xejn;

“9. Illi fic-cirkostanzi r-rikorrenti jqis li l-vann mixtri minghand il-kumpannija intimata fl-4 ta' Novembru 2009 mhuwiex tal-kwalita miftiehma u mhuwiex tajjeb u utli ghall-iskop u l-uzu li nxtara ghalih, peress li huwa afflitt minn hsarat u difetti mohbija;

“10. Illi in oltre, tul iz-zmien kollu li ma setax juza l-vann meta dan kien bil-hsara ghand il-kumpannija intimata r-rikorrenti kellu jinkorri spejjez biex jirrimpjazza tali vann, u kif ukoll spejjez ta' *overtime* tal-impjegati tieghu biex jaghmlu tajjeb ghall-hin mitluf meta l-vann kien jieqaf habta u sabta;

“11. Illi permezz tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 2010 (kopja mehmuza '**Dokument C**'), ir-rikorrenti talab ir-rexxizjoni tal-kuntratt u r-rifuzjoni tal-prezz izda l-kumpannija intimata baqghet inadempjenti u permezz tal-ittra ufficjali tat-22 t'Ottubru 2010 (kopja mehmuza '**Dokument D**') kompliet issostni l-pozizzjoni taghha;

“12. Illi sa llum il-vann ghadu fil-pussess tal-kumpannija intimata, u r-rikorrenti talab li jigu istitwiti proceduri kriminali kontra d-Diretturi tal-kumpannija intimata ghall-approprjament indebitu ta' tali vann. Fil-kaz li tali vann jigi eventwalment rilaxxjat mill-kumpannija intimata, il-vann ser jigi depozitat taht l-awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti.

“13. Illi Sergio Sciberras jaf b'dawn il-fatti kollha personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

“Ghaldaqstant, tghid il-kumpannija intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

“1. Tiddikjara li l-vann tal-marka Leyland DAF bin-numru tax-chassis 'LRAE45BFOL249555' u bin-numru ta' registrazzjoni TFJ-240 mhuwiex tal-kwalita pattwita u huwa milqut b'difett mohbi sostanzjali li ma jippermettiehx jintuza ghall-iskop li ghalih inxtara;

“2. Tiddikjara konsegwentement mahlul il-kuntratt ta' bejgh tal-imsemmi vann mill-kumpannija intimata lir-rikorrenti, bl-istess vann jerga' jsir proprjeta tal-kumpannija intimata;

“3. Tiddikjara wkoll li l-kumpannija intimata ghandha tirrifondi lir-rikorrenti l-prezz tax-xiri, l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-istess xiri u danni ohra subiti mir-rikorrenti;

“4. Tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' sbatax-il elef tmien mija u hamsa u sittin euro u ghoxrin centezmu (€17,865.20) rapprezentanti l-prezz tax-xiri tal-vann;

“5. Tillikwida l-ispejjez ulterjuri inkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni max-xiri tal-vann minghand il-kumpannija intimata u d-danni ohra subiti mir-rikorrenti;

“6. Tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas lir-rikorrenti is-somma hekk likwidata fil-hames talba.

“Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 2010 u tal-mandat ta' sekwestru mahrug fl-20 t'Ottubru 2010, bl-imghaxijiet legali fuq il-prezz tal-vann b'effett mid-data tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 2010, kollox kontra l-kumpannija intimata li minn issa d-Diretturi taghha huma ingunti ghas-subizzjoni”.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Illi preliminarjament, in omagg ghall-principju illi *selecta una via non datur recursus ad alteram*, ir-rikorrent ghandu jiddeciedi fuq liema binarju qieghed jibbaza l-kawza tieghu, jekk hux abbazi li l-vettura ma kienitx tal-kwalita pattwita jew li kienet aflitta minn diffett mohbi.

“2. Illi, dejjem preliminarjament, it-talba sabiex il-vettura in kwistjoni tigi dikjarata li hija milquta b'difett mohbi sostanzjali li ma jippermettiehx li tintuza ghall-iskop li ghalih inxtrat hija perenta bit-trapass ta' sitt (6) xhur a tenur tal-artikolu 1431(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

“3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-ewwel talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghanda tkun michuda peress illi inter alia mhux minnu illi l-vettura in kwistjoni kienet milquta b'difett mohbi sostanzjali li ma jippermettiehx li tintuza ghall-iskop li ghalih inxtrat u lanqas ma huwa minnu illi l-vettura konsenjata mis-socjeta eccipjenti ma kienitx tal-kwalita pattwita.

“4. Illi ghalhekk mhux il-kaz li din l-Onor. Qorti tiddikjara mahlul il-kuntratt ta' bejgh tal-imsemmija vettura kif qed jintalab mir-rikorrent fit-tieni talba tieghu.

“5. Illi konsegwentement jsegwi li lanqas ma huwa l-kaz li jintlaqghu t-tielet u r-raba talbiet tar-rikorrent.

> “6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, il-hames u s-sitt talba tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u lanqas mhux il-kaz li jintlqaghu peress illi:
>
> “7. (a) mhux minnu li s-socjeta eccipjenti ikkawzat xi danni lir-rikorrent, liema danni f’kaz li data ma non koncessa jirrizulta li l-vettura in kwistjoni kienet aflitta minn difett mohbi, jkunu dovuti biss jekk ir-rikorrent igib il-prova rikjesta mill-artikolu 1429(1); u
>
> “(b) l-ispejjez ulterjuri inkorsi mir-rikorrent in konnessjoni max-xiri tal-vettura in kwistjoni jirreferu ghal uzu li ghamel l-istess rikorrent mill-istess vettura fin-negozju tieghu, inkluz tiswija ta' wear and tear u tiswija ta' hsara ikkawzata fl-istess vettura mir-rikorrent jew terzi li kienu qed juzaw l-istess vettura.
>
> “8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.
>
> “Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li sa minn issa jibqa ngunt in subizzjoni”.

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta’ Jannar, 2011, quddiem l-ewwel Qorti l-attur iccara illi hu qed jallega illi kien hemm difett mohbi in konnessjoni mal-vann in kwisjtoni, u qed jibbaza l-pretensjoni kollha tieghu fuq din l-allegazzjoni biss;

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta’ Jannar, 2013, li biha cahdet it-talbiet attrici wara li laqghet l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta dwar id-dekadenza tal-azzjoni bit-trapass ta’ sitt xhur a tenur tal-Artikolu 1431(1) tal-Kapitolu 16;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “**Fatti**

"L-attur qed jaghmel din il-kawza sabiex il-Qorti tiddikjara li l-vann Leyland DAF numru TFJ240 mixtri mill-attur minghand is-socjeta konvenuta fl-4 ta' Novembru 2009 kien affett minn difett mohbi. Ghalkemm ir-rikors promotur guramentat seta' ta lok ghal dubbju dwar il-binarju li fuqha kienet imsejsa l-kawza kif irrelevat is-socjeta konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha, din il-kwistjoni giet iccarata fil-verbal tal-Qorti tal-25 ta' Jannar 2011 fejn l-attur iddikjara illi l-pretensjoni tieghu kienet ibbazata fuq difett mohbi.

"Sorvolata din il-kwistjoni, jirrizulta mill-provi illi l-attur xtara l-imsemmi vann skond ma jirrizulta mid-Dok. B a fol. 7 cioe s-sales invoice, li fil-fatt ma hi sales invoice xejn peress li skond l-attur, mhux kontradett hu ha konsenja tal-vann dakinhar tal-ftehim u hallas tieghu lis-socjeta konvenuta l-ammont miftiehem bhala prezz. Il-parti relevanti tal-ftehim ighid hekk:

> ""Used motor vehicle, shown below, at the price indicated.
> The vehicle, being second-hand, is sold in the condition in which it now is, as inspected by the buyer, and no warranty as to quality and fitness is implied on the part of the seller. The buyer must see that all repairs and adjustments (if necessary) are executed before use on the road. The attached standard terms and conditons apply to all barter agreements. The purchser declares to have read and understood the said terms and conditions."

"Iktar l-isfel pero hemm il-kliem:

> ""Warranty 6 months on"

"Dan kien il-ftehim, bi kliem infelici rigward garanzija li sar bejn il-partijiet.

"Din il-Qorti mhix mitluba tistharreg il-mertu tal-allegazzjoni attrici f'dan l-istadju izda biss jekk l-attur setax jmexxi l-quddiem din l-azzjoni minhabba d-dekadenza ta' sitt xhur mix-xiri tal-vann qabel ma tressqet din il-kawza li nfethet fid-9 ta' Novembru 2010, cioe sena u hamest ijiem wra li gie konkluz il-bejgh.

"Mhux kontestat li l-vann tal-attur inxtara ghan-negozju tieghu u ghal-uzu tieghu f'tali negozju. Ghalhekk ma japplikawx il-provvedimenti tal-Kap. VIII u IX tal-Kap. 378. Japplikaw ghalhekk il-provvedimenti tal-Kodici Civili dwar id-difetti mohbija.

"L-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta cioe li t-talba attrici ghal dikjarazzjoni li l-vann kien milqut b'difett mohbi hi perenta bit-trapass ta' sitt xhur a tenur tal-artikolu 1431(1) tal-Kap. 16, qed tippresupponi illi l-istess socjeta konvenuta qed taccetta implicitament illi nonostante l-kliem uzat fil-ftehim, il-garanzija legali moghtija bil-ligi bl-artikolu 1431 kienet ezistenti u vinkolanti bejn il-partijiet. Dwar din il-kwistjoni

ma tqajjmet ebda kontroversja jew argument differenti fil-provi. Il-Qorti ghalhekk ser tezamina t-talba attrici tenut kont dak li jipprovdi l-istess artikolu 1431 tal-Kap. 16. Dan l-artikolu jghid hekk:

> "1431. (1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.
>
> "(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.

"Jigi precizat qabel xejn illi t-terminu ta' sitt xhur (qabel l-emendi fil-ligi kien xahar) mhux wiehed ta' preskrizzjoni izda wiehed ta' dekadenza liema terminu hu wiehed ta' ordni pubbliku u mhux interottibili jew li jista' jigi sospiz. Lanqas ma kien xi terminu prorogabbli u l-inattivita fl-imsemmi perjodu irrimmedjabilment jippregudika d-drittijiet tal-kumpratur. Ara f'dan is-sens **Joseph Vella noe vs Anthony Migneco** (PA, 09/06/2005TM) li taghti rassenja ta' sentenzi fuq dawn il-principji regolaturi. Pero kif inghad fis-sentenza recenti fl-ismijiet **Domenic Micallef et vs Mizzi Bros. Limited** (PA, 15/06/2011JRM) il-parti li qanqlet l-eccezzjoni tista' tirrinunzja ghaliha bl-ghemil taghha stess jew bi prova li hemm cirkostanzi li kisru l-mixja tal-preskrizzjoni. Din il-Qorti pero zzid illi prova ta' rinunzja jew ksur tal-mixi tal-preskrizzjoni iridu jkunu cari u inekwivoci li ma jhallu ebda dubbju f'mohh il-gudikant. Din il-prova ovvjament tinkombi fuq l-attur u mhux fuq minn jecepixxi l-preskrizzjoni.

"Hu pacifiku illi ghalkemm it-terminu ta' sitt xhur hu wiehed ta' dekadenza, kif intqal fil-kawza **Micallef vs Mizzi Bros. Limited**

> "fejn l-azzjoni tkun waħda mibnija fuq id-difett mistur, iż-żmien imsemmi biex tinbeda l-azzjoni jibda jgħaddi minn dak inhar li x-xerrej seta' jkun li huwa jikxef id-difett[1] jekk kemm-il darba jkun uża dehen ordinarju li bih seta' jintebah[2]. U fejn il-ħaġa mixtrija tkun ta' sura tali li ma jkunx possibli li x-xerrej jintebah b'xi difett moħbi jekk mhux meta jseħħu xi ċirkostanzi partikolari, ż-żmien imsemmi f'dak l-artikolu ma jibdiex jgħaddi qabel ma sseħħ xi ċirkostanza bħal dik, minkejja li jkun għadda żmien twil mix-xiri u l-konsinna tal-ħaġa[3]. Minbarra dan, l-imsemmi żmien jgħaddi minn dak inhar li jirriżulta d-difett moħbi u mhux minn dak inhar li l-ħaġa mixtrija tibda turi li fiha xi nuqqas[4];

---

[1] Art. 1431(2) tal-Kap 16

[2] P.A. **1.10.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Paċe vs Joseph Paċe*** (mhix pubblikata)

[3] Kumm. **7.3.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Tanti vs Cassar noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.iii.779**)

[4] App. Kumm. **21.10.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Charles J. Xuereb vs JohnAttard et noe*** (mhix pubblikata)

"In kwantu l-vann mibjugh kien second hand ma jfissirx b'daqshekk li dan ma jistax ikollu difett mohbi. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Joseph Bonanno et vs Raymond Dimech** (App Inf 12/01/2005PS)

> "wiehed irid izomm in vista l-fatt illi hawnhekk si tratta ta' bejgh ta' vettura 'sekonda man' u allura l-adattabilita` u l-bonta` taghha ghandha jkollha korrispondenza ma' dak ragonevolment mistenni minn oggett mixtri second hand u bil-prezz li jkun inxtara. Wiehed logikament jistenna li f'oggett hekk mixtri dan ikollu, anke jekk mhux necessarjament u dejjem, certi mankamenti, pjuttost facilment konstatabbli b' ezami superficcjali. Naturalment dan ma jfisserx illi oggett 'sekonda man' ma jistax ikollu wkoll difetti mohbija jew li jaghmel l-azzjoni de qua mhux applikabbli ghalih

"**Konsiderazzjonijiet**

"Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami u marbuta mal-fatti u xiehda senajtament tal-istess attur, jirrizulta illi l-attur beda jilmenta li l-vann beda jintefa' inspjegabilment ftit granet wara li xtrah anzi jghid li waqaflu l-ewwel darba kif hadu minghand is-socjeta konvenuta. Jirrizulta wkoll mill-affidavit tal-istess attur illi nonostante li s-socjeta konvenuta ghamlitlu 'service' shih tal-vann ftit granet wara li nxtara xorta baqa' juri dan id-difett kif ukoll insorgew problemi ohra li bdew jinxteghlu d-dawl tal-ABS u engine warning. L-attur ighid li l-vann rega' iddahhal ghand is-socjeta' konvenuta f'Dicembru 2009 u wara ftit gimghat regghet fegget l-istess problema u l-vann baqa' jieqaf bla spejgazzjoni u wara ftit jerga' jistartja. Il-vann rega' ttiehed ghand is-socjeta konvenuta u dam ghandhom tlett xhur cioe sa Marzu 2010. Fil-frattemp intalab ihallas zewg kontijiet ta' tiswijiet li kienu saru fil-vann fl-okkazzjonijiet li ddahhal ghand is-socjeta konvenuta, li l-istess altur hallas. Il-problema xorta ppersistiet ghalkemm id-direttur tas-socjeta konvenuta Noel Grima qallu li dawn kienu affarijiet zghar. F'Gunju 2010 il-vann rega' waqaf u sarulu xi tiswijiet fit-triq li l-attur irrifjuta li jhallas. L-attur jixhed li ftiehem mas-socjeta konvenuta biex jerga jdahhal il-vann ghal service u beix tisolva l-problema waqt ix-shutdown tal-attur f'Settembru 2010 u waqt li kien bix-shutdown gie infurmat li l-vann kien lest u li kellu kont ta' €1,500. Hu rrifjuta li jhallas il-kont qabel jivverifika l-istat tal-vann fit-triq. Billi s-socjeta konvenuta rrifjutat li tirrilaxxja l-vann qabel ihallas il-kont, hu ma gabarx il-vann u fetah il-kawza.

"Jirrizulta mix-xiehda ta' certu Kevin Camilleri, mechanic ex parte, illi l-attur ha l-vann ghandu fit-28 ta' Mejju 2010 biex jittestja l-vann pero dan ix-xhud ghalkemm ghamel xi tiswija ma kellux appart biex jivverifika mnejn kienet gejja l-problema tal-waqfien ghal gharrida tal-vann.

"Jirrizulta wkoll illi qabel xtara l-vann l-attur lanqas ippruvah fit-triq u illi hu qatt ma ried lis-socjeta konvenuta tiehu lura l-vann izda li jssewwieh.

"Hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-provi prodotti mill-attur jiggustifika l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta. Hu minnu illi l-attur naqas meta ma ipprovax il-vann qabel jixtrih u jekk hemm bzonn jiehu parir tekniku izda dan il-fatt wahdu ma ghandux jimmilita kontrih. Jidher car pero illi mill-ewwel granet li ha pussess tal-vann dan wera nuqqas fis-sens li waqaflu fit-triq. Anki jekk ghal grazzja tal-argument, l-attur ma fehmx li dan seta' jkun difett fil-makna tal-vettura u allura akkonsentixxa li jsirlu service u ma ppressax ghad-dritt tieghu tal-garanzija kontra difetti mohbija, sar apparenti li sa Dicembru 2009, il-vann kellu problema li qed tippersisti bla ma nstabet soluzjoni ghaliha; problema li f'ghajnejn l-attur kienet talment gravi li waslitu biex jiftah il-kawza. Pero din il-kawza ma nfethitx entro s-sitt xhur mindu kien evidenti li ghall-attur kien jezisti difetti u li dan hareg fid-deher bl-uzu minnu jew impjegati tieghu tal-istess vann. Minflokk l-attur ghazel li jhalli l-vann ghal tlett xhur ohra biex jissewwa ghand il-kumpanija konvenuta u rega' hadu f'Marzu meta l-garanzija kienet ghadha in vigore. Ex admisses u nonostante li hallas ghal xi tiswijiet li saru, il-problema baqghet hemm u baqa' jistrieh fuq il-kelma tas-socjeta konvenuta li dawn kienu affarijiet zghar. L-attur, bl-inazzjoni tieghu f'dan l-istadju meta d-difett, almenu f'ghajnejn l-attur, kien maghruf u ta' natura gravi stante li kien qed jinterferixxi mal-uzu normali tal-istess vann, baqa' inert u ma ezercitax id-dritt tieghu li jfittex lis-socjeta konvenuta ghal garanzija kontra d-difett mohbi.

"Qatt ma sar rikonoxximent tal-allegat vizzju da parti tas-socjeta intimata liema rikonoxximent irid ikun car, formali, esplicitu w inkundizzjonat (ara **Camilleri noe vs Calasione noe**, (29/10/1954). Mhux talli ma kien hemm ebda rinunzja jew accettazzjoni tad-difett da parti tas-socjeta konvenuta, billi ma jirrizulta xejn mill provi, talli l-attur fl-ahhar ta' Mejju, u cioe wara li skadiet il-garanzija bi tlett gimghat u fuqhom ha l-vann ghand mechanic privat li ma setax jindividwa l-origini tal-problema. Meta l-vann rega' waqaf f'Gunju rega' baqa' inert.

"Anki jekk ghal grazja tal-argument, l-attur ma kellux certezza li kien hemm difett mohbi fl-ewwel gimghat malli xtrah, dan ghalih kellu jkun aktar milli evidenti f'Marzu 2010 meta rega' ha l-konsenja tal-vann wara t-tiswija. F'din l-osservazzjoni l-Qorti qed tkun ferm laxka fl-applikazzjoni tal-bidu tat-terminu tas-sitt xhur cioe minn mindu l-attur <u>seta'</u> induna bid-difett. B'dankollu, anki b'din il-lassitudni, l-attur fetah il-kawza fid-9 ta' Novembru 2010 cioe tmien xhur wara li ha l-konsenja tal-vann f'Marzu u gheluq sena mindu xtrah.

"Dawn il-fatti ma jhallux opzjoni lil Qorti hlief li tilqa l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta dwar id-dekadenza tal-azzjoni. Oltre dan il-Qorti ma tistax ma ssemix in-nuqqas ta' direzzjoni cara tal-attur anki fil-mertu ta' din il-kawza fejn hu insista fil-kontroezami li ma riedx li jirritorna l-vann izda li jssewwa u illi fl-ebda hin ma talab lis-socjeta konvenuta li tiehu lura l-istess vann".

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

> "..thassar u tirrevoka s-sentenza premessa moghtija mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi nhar il-15 ta' Jannar 2013, u konsegwentement tghaddi sabiex ma tilqax l-eccezzjoni tal-appellanti, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni, bl-ispejjez kontra l-appellati".

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti:

> "..illi l-appell tar-rikorrent appellant Sergio Sciberras ghandu jigu michud, u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent appellant".

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta li l-attur, fl-4 ta' Novembru, 2009, xtara minghand is-socjeta` konvenuta vann sekonda man, u qed jallega li din il-vettura hi affetta minn difett mohbi. Hu jghid li hadha kemm –il darba ghand is-socjeta` konvenuta ghat-tiswija, izda kien kollox ghal xejn tant li kellu jiftah din il-kawza fid-9 ta' Novembru, 2010. Is-socjeta` konvenuta eccepiet illi tali azzjoni hija soggetta ghal perijodu ta' dekadenza ta' sitt xhur u li kwindi,

peress li l-kawza saret sena wara l-bejgh, l-istess azzjoni ghandha titqies perenta.

L-ewwel Qorti, wara li qieset il-principji tal-ligi applikabbli ghall-kaz, u ghamlet analizi tal-fatti, laqghet din l-eccezzjoni ta' dekadenza u cahdet it-talbiet attrici.

L-attur appella mis-sentenza u jsostni li hu sar jaf li l-vettura kienet verament difettuza f'Settembru, 2010, meta s-socjeta` konvenuta regghet zammet il-vettura ghat-tiswija, izda riedet €1,500 ghax-xoghol li ghamlet fuqha, somma li l-attur ma kienx lest ihallas.

Din il-Qorti tirribadixxi l-principju in materja li (1) l-azzjoni attrici bazata fuq difett mohbi hija soggettata ghal terminu ta' sitt xhur; (2) li dan il-perijodu huwa wiehed ta' dekadenza; (3) li dan it-terminu jibda jghaddi minn dakinhar li x-xerrej seta' jikxef id-difett; (4) li jista' jsir rikonixximent tal-allegat vizzju da parti tal-venditur u (5) li r-rikonoxximent ried ikun car, formali, esplicitu u inkondizzjonat. Dawn il-principji jirrizultaw mill-ligi u mill-gurisprudenza tal-qrati taghna, kif tajjeb gie muri fis-sentenza tal-ewwel Qorti.

Dwar minn meta t-terminu ta' sitt xhur jibda jidekorri, li hu l-punt l-aktar kontestat f'din il-kawza, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet

**Vella v. Migneco**, deciza fid-9 ta' Gunju, 2005, kienet ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

> "*Din il-Qorti fil-kawza "Briffa vs Bianchi", decisa fl-10 ta' Dicembru, 1986, osservat li t-terminu ta' xahar jibda jghaddi mhux meta l-kompratur ikun jaf li l-oggettt fih xi difett, izda min meta jkun jaf li l-ogget hu defitivament difettuz. Min naha l-ohra, meta d-difett jibqa' kostantement jimmanifesta ruhu fl-oggett u dana ghal-perjodu twil, il-kompratur ghandu jirrealizza li l-oggett kien definitavament difettuz u ghandu jagixxi kif trid il-ligi.*
>
> "*F'dan il-kaz l-oggett in kwistjoni gralu hsara darbtejn u gie suppost imsewwi darbtejn; meta, ghat-tielet darba, l-oggett rega gralu hsara, il-kompratur kellu jikkonkludi li l-oggett hu definitivament difettuz*".

Kif jirrizulta mill-atti f'din il-kawza, hekk kif l-attur ha konsenja tal-vann, huwa irriskontra difetti fl-istess vettura u kkonsenjaha lis-socjeta` konvenuta ghat-tiswija.

Wara li ha l-pussess tal-vettura, rega' induna b'difetti u dahhal il-karozza ghat-tiswija f'Dicembru tal-2009. Il-karozza giet suppost irrangata, izda ftit gimghat wara regghu tfaccaw l-istess tip ta' problemi. Kien hawn, it-tielet darba li gew riskontrati difetti fil-vettura, li l-attur kellu jirrealizza li l-vann li xtara kien definittivament difettuz. L-attur rega', ghat-tielet darba, dahhal il-vann ghat-tiswija flok ma agixxa kif kellu jaghmel skont il-ligi, u ha lura l-vann f'Marzu tal-2010. Kif xehed, meta ha lura l-vann, "*ma ridtx nemmen li l-problema li kellu l-vann baqghet hemm*". Jekk wara d-darbtejn li ddahlet ghat-tiswija, l-attur ma ntebahx bil-problema, issa, f'Marzu tal-2010, kellu zgur jinduna li l-vann kien difettuz. Persuna b'dehen normali kellha tinduna li jekk iddahhal vettura ghat-tiswija ghal

tlett darbiet, u din tibqa' ma tahdimlux sew, allura kellu jew jasal fi ftehim immedjat mal-venditur jew imexxi gudizzjarjament kif titlob il-ligi. Dan it-terminu ta' sitt xhur huma ta' ordni pubbliku, anke fl-interess tac-certezza tan-negozju fil-kummerc, u ma jistax jibqa' jiggebbed qisu *chewing gum*!

L-attur sab id-diffeti ma' wiccu f'erba' okkazzjonijiet, izda xorta baqa' jkaxkar saqajh, u rega' dahhal il-karozza ghat-tiswija. F'Settembru, 2010 is-socjeta` konvenuta qalet lill-attur li l-karozza kienet lesta, izda talbet hlas ghax-xoghol li ghamlet, li l-attur ma kienx lest li jhallas. F'Settembru, 2010, l-attur ma hax konsenja tal-vettura u, allura, ma jistax jghid li baqghet difettuza, ghalkemm jghid li qalulu li ma nbidel xejn biex titranga l-problema. Jibqa' l-fatt li f'Marzu tal-2010 ha konsenja tal-vann li, skont hu, wara li suppost saritilha tiswija, ghall-medesima darba, baqghet bl-istess problema, u kien allura zgur minn dan ix-xahar li, fl-ahjar ipotesi ghall-appellant, skada t-terminu ta' dekadenza kontemplat fl-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili. Din il-kawza saret wara li skadew is-sitt xhur minn Marzu 2010, u ghalhekk, l-azzjoni hi perenta.

Dwar jekk sarx rikonoxximent tad-difett, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti li mill-provi ma jirrizultax li qatt sehh rikonoxximent car inekwivoku. Il-fatt li s-socjeta` konvenuta

pprovat issewwi l-vann, ma jfissirx li rrikonoxxiet li l-vann kellu difetti fid-data tal-bejgh. Din fil-fatt ghadha tichad li, f'dak il-jum, il-vettura kienet affetta minn difetti mohbija, u l-agir taghha tul dan il-process ta' zmien kollu, ma jindikax rikonoxximent ta' difetti originali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur Sergio Sciberras billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb